"Iva għaddu, għax donnha qiegħda tqattar ix-xita."

Kulħadd daħal wieħed wara l-ieħor u Vanġiela marret tixgħel il-kamra ta' l-ikel.

Sosa tat daqqa ta' għajn lejn il-vetrina bir-rigali tat-tieġ u meta rat li xejn ma deher nieqes ħadet ir-ruħ.

Feliċ ħareġ erba' tazzi u ferraħ qatra rum li kellu mwarrab għall-ħbieb u l-ewwel ma newwel jixrob lis-surġent u talbu li jaħfirlu talli qalgħu mill-għassa għal xejn.

"Dan xogħolna, sur Feliċ. Ħadt gost li kollox spiċċa b'wiċċ il-ġid imma int ma għandek ebda ħtija għax il-biċċa kienet tidher kerha ġmielha. Nagħli għas-sinjura li ħadet ħafna qtiegħi".

Huwa u ħiereġ Feliċ ħa b'id is-surġent u raġa' iż-żiehħajr ta' kulma għamel miegħu u xtieq nistħajjel inewwel lis-surġent xi ħaġa tal-flus imma dak ħares biċ-ċiera lejn Feliċ u qallu taħt ilsien:

"Ftakar li jiena fis-servizz, saħħa."

T. Z.

## TIFKIRA TAL-MEWT
## TA' TIFLA TA' ĦDAX-IL-SENA

Mietet ? Le !
Imma biddlet fejn kienet tgħix
L-art mas-sema
Biex ma tbiddilx kif kienet tgħix
Għixet hawn ta' Anġlu
U marret ma' l-Anġli biex tibqa' Anġlu.

Dak li jitpaxxa qalb il-ġilji
Imsaħħar bil-bjuda u s-safa ta' da'l-ġilju
Ħasdu ħesrem
Li ewwilla ma jniġġsux il-ħażen tad-dinja
U ħadu miegħu l-Ġenna.

Jiswa dan ta' faraġ u sabar
Għal missierha u ommha u qrabatha
U ta' xejra għat-tieba lil ħbiebha.

**Dun Pawl**

# KOTBA LI WASLULNA

*(Stampati bl-Alfabet u bl-Ortografija tagħna)*

E. B. Vella *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha* -- pp. 506 xvi. Empire Press, 1934.

Il-letteratura maltija għadha, nistgħu ngħidu, xitla, u billi ma nżabret qatt qif imiss, għadha tagħmel xi żarġun li malli joħloq jinbeżaq: iżda minn xi friegħi qawwijin u tas-saħħa din ix-xitla' tagħmel frott sabiħ bħal ta' siġra mrawma u magħmula.

Frotta sabiħa ta' din ix-xitla maltija hu l-ktieb li ħareġ l-aħħar mill-pinna tas-surmast E. B. Vella—sieħeb qalbieni u ħabrieki tal-Għaqda tagħna—li jismu "Storja ta' Birkirkara bil-Kulleġġjata Tagħha", storja mimlija sfiq li ma tħalli barra xejn minn dak li ġara f'dak ir-raħal mill-eqdem żmenijiet sal-ġranet tagħna.

Mal-qari ta' da l-ktieb igħaddu quddiem għajnejk, imqassmin f'inkwatri, qishom fuq liżar tal-Kinema, is-snin imdallmin ta' qabel bdiet il-kitba, iż-żmenijiet fejn jibda jroxx id-dawl ta' l-istorja, jiġifieri ż-żmenijiet tal-Feniċi u tal-Kartaġiniżi; iż-żmien iżjed ċar tar-Rumani, il-bidu tar-Reliġjon nisranija f'Malta, biċ-ċiviltà tagħha, il-miġja u l-ħakma tal-Għarab, il-wasla tan-Normanni, il-ħbit tas-sibbien, jew korsari, u t-twaqqif tad-Dejma, il-miġja u l-ħakma tar-Rhieb ta' San Ġwan, l-Assedju l-Kbir tat-Torok u r-Rebħa tagħna li qatt ma tintesa, il-waqgħa ta' Malta taħt idejn il-Franċiżi u l-Qawma tal-Maltin għalihom, Malta taħt il-bandiera ingliża.

Minsuġa f'kull wieħed minn dawn l-inkwatri, donnha biċċa xogħol ta' l-arazzi tgħaddi l-istorja ta' Birkirkara bil-knejjes tagħha qodma u ġodda bil-kolleġġjata tagħha, bil-privileġġi u bl-opri li jżejnu dik il-knisja minnha sabiħa, bil-għaqal bil-ħeġġa u bil-ħidma ta' wliedha fiż-żmien tal-ferħ u fiż-żmien tal-għali, fil-ġranet tas-saħħa u fil-ġranet tal-mard; u bil-ħila u bil-fehma qawwija ta' nies qalbiena li għenu mhux biss fit-tiswir u fit-tisbiħ ta' dak ir-raħal u ta' dik il-parroċċa, iżda wkoll fil-ħelsien ta' Malta minn ħakma mqita u mibgħuda u fil-wetqa tal-jeddijiet tagħha.

Għalhekk, il-ktieb ta' Vella hu ktieb fejjiedi; meta taqrah titgħallem, tħossok tixgħel bl-imħabba lejn pajjiżek, tħossok tgħir għal ħafna nies li fuq il-ġid u l-hena tagħhom fushom qiegħdu l-ġid u l-hena ta' art twelidhom, u jekk Alla tak dehen u għaqal biex taħseb u ħabta biex tikteb dak li taħseb, inti titħajjar timxi fuq l-atâr ta dan il-kittieb bie-

• i k.i.r.Vki biffii MKħti lill pajżani tiegħek kitba maltija r ", dik Ifehma ndikil-ħila li fiż-żmien l-i-
J3jf'JjJiS H-qaw! "Assaħ kelmet il-Maltiminn lialfet jĦ-Sultaii ".

Iva froita Bftbiħft tax-xitla tal-letteratura maltija 1-ktieb tV Vallft' u jalla jkolna ħafnn lijifhmu l-ħtieġ t.V kotba taj-ba bil-MaUi YiMlli naraw jirtaiV, jissalYa u jiżżejji-n kif iniiss j!-ġen^ tftgfiua ligħandu biż/ejjed rjieda tajba, lmma jaħasra, nieqee bu-boeta mill-ikei uiiq u bnin tal-moħħ u tal-qalb.

DITN KARM

Bft TRMI ZàUMIT—Ġahra *ta Kitba* —L-ewwel ktieb pp. 32. Kmpire Press. 1935 ;1

Rsieb tassew sabiħ kien dakta'8irTemi Zammit illi jiġbor il-kitl>a tiegħu, fkotba żgħar limbagfiad ikunu jistgbu jinġahru u jiġu illegati fwieħed. Ġa ħareġ 1-ewwel wieħed—ktieb żgliir, ta' 32 faċċata, imżewwaq biftifc minn kull xorta ta' kitba tiegliu. Hemm deskrizzjoni ta' 1-Belt Val-leita lejn hemm imniżżla 1-ismijiet ta' postijiet li biċċiet niinnliom għoddhom iutsew; artikoli arkeoloġiċi bħalfuq Hal-Halflieni eċċ.; x iċajta bħal taż-żimiel ta'Sidor li sidu bellagħlu qasba żejt imħallat bil-pitrolju biex ifejqu;xi lirafa bliall-tlus tal-ħares.... ġewwa senduq biż-żrar u 1-laqx; ii x iġrajja ħelwa u bħal dikta' Rosina li ħallset xelin (nefqa żgħiraj u kisbet għarus ifejda kbira).

Il-kitba ta'SirTemi Zammit himagħrufa biżżejjed u aħna żgun lidawn il-kotba jkunu fl-ewwel post fil-libre-rija ta' kull malti!

S.

Negħdin niġbru—biex inħejju u nistampaw il-lista sħiħa ta^hom-~il-kotba kollha stampati bl-alfabet u bl-orto-grahja *tnUJhaqda* tagħna. Biex dinil-ġabra tagħna matkunx iiieqsa billi issa qegħdin jiġu stampati ħafna n imdawn il-kotba u maiajr jista jiżloqilna xi wieħed, ? ; Jr'U i rai£ J»*»mpa xiktieb bl-ortografija tagħno mLfiSk 11 u ™ ejn lliflt Sħu niksbu kopja—jekk IPWDiw jibugħtiina waħda hu

Editur "Il-Malti'
<qo Empire Press
2ħt>, Strada San Paolo
Valletta

1T-TIENI KTIEB
TAL-HDAX-IL-SENA

UUNJU
1935

# f IL-MALTI

QARI

LI TOĦROĠ ;f/ •

**IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI**

**KULL TLIET XHUR**

XFIH DAN IL-GĦADD

**H-Għaqda** tal-Kittieba tal-Malti - In-Naħal ( T Z J _
Rallata (1 **C** ) - Tagħrif tal-grammatika (P.P.SAYDON;
Lta UlSU(DUNK»4 - « " * - »

Madonna ta'Lourdes - Qass sua l hija
Għajdut Malti (V.MA) - * u waslulna·
għamja u truxa (V.M.B) -